MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru. 1032/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**ISABELLE FRANTZ**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Isabelle Frantz, bint Victor u Lourdes nee' Camilleri, mwielda Attard nhar id- 9 ta' Marzu 1969, residenti Blk 5, Flat 6, Bin ital- Gvern, Triq tal- Gebel, B'Bugia u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 144669(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 20 ta’ Novembru 2008 ghall- habta tal- 17.20hrs gewwa Triq Frangisk Saverju, B’ Bugia volontarjament ikkagunat hsarat fuq il- vettura tal- ghamla Fiat Punto bin-numru tar- registrazzjoni IBB 397 ghad- dannu ta’ Josienne Caruana mix- Xghajra, liema hsarat jammontaw ghal €467.39;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti ma giex ippruvat li l-imputata kienet hatja ta’ dan ir-reat. Ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu kontradittorji fid-deskrizzjoni taghhom tal-akkadut, apparti l-fatt li tesisti animosita’ kbira hafna bejn Fabio Psaila u l-imputata, li xi zmien ilu kellhom relazzjoni bejniethom u li b’hekk ghandhom tarbija. Ix-xhieda tad-difiza kienu aktar kredibbli u attendibbli minn dawk li allegatament raw l-incident isehh, u ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputata minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------